

31980R3308

L 345/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

20.12.1980

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE, EURATOM) Nru 3308/80
tas-16 ta' Diċembru 1980
dwar is-sostituzzjoni ta' l-unità Ewropea tal-kontijiet bl-ECU fl-istrumenti legali tal-Komunità

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, u partikolarmen l-Artikolu 203 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni (¹),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (²),

Billi r-Regolament (KEE) Nru 3180/78 (³) iddefinixxa unità ġdida ta' kontijiet, magħrufa bħala l-ECU;

Billi għandhom jittieħdu passi sabiex jiġu standardizzati l-unitajiet tal-kontijiet użati mill-Komunitajiet; billi l-unità Ewropea ta' kontijiet (EUA) għandha, għalhekk, tiġi mibdula bl-ECU fl-istrumenti legali kollha tal-Komunità;

Billi għandha tiddaħħal disposizzjoni sabiex, meta l-EUA tiġi sostitwita bl-ECU, tissalvagwardja d-drittijiet u l-obbligli kontrattati fl-unitajiet tal-kontijiet Ewropnej,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

Artikolu 1

Fl-istrumenti legali kollha tal-Komunità applikabbli fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-“unità Ewropea tal-kontijiet” għandha tiġi sostitwita bl-“ECU”.

Artikolu 2

Id-definizzjoni ta' l-unità Ewropea tal-kontijiet fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandha tissokta tapplika għad-drittijiet u l-obbligli li jqumu qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u li kienu stabbiliti fl-unitajiet Ewropew tal-kontijiet.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 Jannar 1981.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, is-16 Diċembru 1980.

Għall-Kunsill

Il-President

Colette FLESCH

(¹) ĠU C 55, tal-5.3.1980, p. 13.

(²) ĠU C 147, tas-16.6.1980, p. 134.

(³) ĠU L 379, tat-30.12.1978, p. 1.